

L-isport jimplika żewġ perspettivi differenti li huma kkunsidrati dejjem aktar fuq livell tal-UE: l-isport professjonali u l-isport bħala attività ta' divertiment. Fiż-żewġ każijiet, l-isport jirrappreżenta settur kbir u li qiegħed jikber malajr tal-ekonomija u jagħmel kontribut importanti għat-tkabir u l-impjegi.

L-isport jinkoraġġixxi l-interazzjoni soċjali, li hija importanti kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-anzjani, għan-nisa u l-irġiel, u jippromwovi s-saħħa fiżika u mentali. Huwa jista' jippromwovi wkoll l-edukazzjoni, il-komunikazzjoni, il-ħiliet fin-negozjar u t-tmexxija, li huma vitali għall-emanċipazzjoni tan-nisa.



## Ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi

L-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni Ewropea esprimiet l-impenn tagħha, kemm fil-Karta tan-Nisa kif ukoll fl-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010–2015, sabiex tindirizza u telimina d-disparità bejn is-sessi fit-teħid tad-deċizzjonijiet.

Wara l-Konferenza tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport fl-2013, kienet approvata l-proposta għal Azzjonijiet Strateġiċi dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport 2014–2020. Filwaqt li jirrikonoxxu li għad fadal ħafna xi jsir, l-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kontenuti fil-proposta jinkoraġġixxu lill-korpi ta' tmexxija tal-isport u lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi sabiex jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji nazzjonali u internazzjonali għal azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isport, appoġġati b'miżuri koerenti u konkreti fuq livell tal-UE.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Isport jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet sportivi sabiex iżidu l-bilanċ bejn is-sessi f'bordijiet u kumitati eżekuttivi, u fl-immaniġġjar u l-ikkowċjar. Huma jappoġġaw ukoll it-tneħħija ta' ostakoli mhux leġiżlattivi li jimpedixxu lin-nisa milli jassumu tali funzjonijiet (20 ta' Mejju 2014).


## Ostakoli

### In-nisa mwarrba mit-teħid tad-deċizzjonijiet

Minkejja l-parteċipazzjoni li gradwalment qiegħda tiżdied tan-nisa fl-isport, in-nisa għadhom mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-korpi deċiżjonali tal-istituzzjonijiet sportivi fuq livelli lokali, nazzjonali, Ewropej u globali.

Data mir-rapport dwar in-nisa fil-poter u t-teħid tad-deċizzjonijiet, ippreparata mill-Istitut Ewropew

**Figura 1 — Proporzjon ta' nisa u rġiel f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet f'konfederazzjonijiet kontinentali ta' sports Olimpiku fl-Ewropa, 2015**



Sors: Id-data kienet miġbura mit-28 konfederazzjoni kontinentali kollha tal-isport Olimpiku fl-Ewropa (Mejju–Ġunju 2015).

għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) għall-Presidenza Lussemburgiża tal-Kunsill tal-UE, turi li fuq livell Ewropew, bħala medja, in-nisa jokkupaw 14 % tal-pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet fil-konfederazzjonijiet kontinentali tal-isport Olimpiku fl-Ewropa. Mit-28 konfederazzjoni mistħarrġa, kien hemm biss mara waħda president jew chairperson u tmien viċi presidenti minn total ta' 91. Dawn iċ-ċifri jirriflettu x-xejriet li jinstabu f'oqsmha oħra tat-teħid tad-deċizzjonijiet, fejn aktar ma tkun għolja l-pożizzjoni, aktar tkun kbira d-disparità bejn is-sessi.

Madwar **I-Statu Membri**, ir-rappreżentanza tan-nisa fost **l-ogħla pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet** fl-organizzazzjonijiet sportivi għadha baxxa ħafna. Bħala medja fl-2015, 14 % biss tal-pożizzjonijiet kollha kienu okkupati min-nisa, b'medja li tvarja minn 3 % fil-Polonja għal 43 % fl-Isvetja.

## L-isport huwa kkunsidrat bħala qasam tal-irġiel

Tradizzjonalment, l-isport huwa settur iddominat mill-irġiel u l-progress fl-ugwaljanza bejn is-sessi huwa mxekkel mill-kunċetti soċjali tal-femminilità u l-maskulinità, li ħafna drabi jassoċjaw l-isport ma' karatteristiċi "maskili", bħas-saħħa u r-reżiljenza fiżika, il-veloċità, u spirtu kompetittiv ħafna, xi drabi konfrontazzjonali. In-nisa li jinvolvu ruħhom fl-isport jistgħu jiġu perċepiti bħala "maskili", filwaqt li l-irġiel li ma jkunux interressati fl-isport jistgħu jitqiesu bħala "dgħajfa". L-ister-

jotipi prevalenti dwar is-sessi jaffettwaw mhux biss il-parteċi-pazzjoni tan-nisa fit-teħid tad-deċizzjonijiet fi ħdan l-organizzazzjonijiet sportivi, iżda wkoll il-parteċi-pazzjoni tagħhom fl-attivitajiet sportivi.


Ir-rwoli tradizzjonali tas-sessi jistgħu jiddettaw l-ammont ta' sigħat li n-nisa jqattgħu fuq responsabbiltajiet ta' indukrar, li jista' jkollhom effett anċillari fuq kemm jifdal ħin għall-attivitajiet sportivi. L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-EIGE juri b'mod ċar li filwaqt li n-nisa jqattgħu aktar ħin fuq attivitajiet ta' indukrar, meta mqabbel mal-irġiel, huma jipparteċipaw anqas f'attivitajiet soċjali oħra, bħall-attivitajiet sportivi, kulturali jew ta' divertiment.

## L-irġiel jiddominaw il-professjoni tal-ikkowċjar

L-ikkowċjar huwa qasam ieħor tal-isports fejn in-nisa fil-biċċa l-kbira mhumiex rappreżentati biżżejjed. Abbażi ta' ċifri f'seba' **Stati Membri tal-UE**, huwa smat li 20 % sa 30 % tal-kowċis tal-isport kollha fl-Ewropa huma nisa (!). Il-kowċis nisa huma aktar probabbli li jinstabu fi sports li għandhom proporzjon għoli ta' nisa parteċi-panti (eż. iż-żfin, il-ġinnastika, il-figure skating u l-isports ekwestri) u jaħdmu prinċipalment ma' nisa, adolexxenti jew tfal li jikkompetu fuq livelli lokali u reġjonali. Hemm ukoll aktar irġiel milli nisa impjegati fl-isports, u data mid-Database tal-Istatistika dwar is-Sessi tal-EIGE turi li fuq livell Ewropew, mill-2012 sal-2014, l-impjeg tan-nisa fl-isports fil-fatt naqas, filwaqt li tal-irġiel żdied.

(!) Kummissjoni Ewropea (2014), L-ugwaljanza bejn is-Sessi fl-isport: Proposta għal Azzjonijiet Strateġiċi 2014–2020, p.19. [http://ec.europa.eu/sport/events/2013/documents/20131203-gender/final-proposal-1802\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/sport/events/2013/documents/20131203-gender/final-proposal-1802_en.pdf)

**Figura 2 — Proporzjon ta' nisa fost il-pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet kollha f'federazzjonijiet sportivi nazzjonali fl-EU-28, 2015**



Sors: Id-data nġabret mill-10 federazzjonijiet sportivi nazzjonali l-aktar popolari f'kull wieħed mit-28 Stat Membru (b'kollox 280), bejn Mejju u Ġunju 2015.

Nota: Huma inklużi l-pożizzjonijiet li ġejjin: president/chairperson, viċi president/viċi chairperson, direttur ġenerali/segretarju ġenerali u membri oħra tal-bord. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, kull persuna hija magħduda darba biss, anki jekk tokkupa diversi pożizzjonijiet.

## L-isterjotipi fil-midja jżommu lin-nisa lura

Il-midja jista' jkollha rwol sinifikanti biex tirrinforza jew tisfida l-isterjotipi tas-sessi fl-isports. Fir-realtà, l-isterjotipi par tas-sessi tal-atleti nisa u rġiel mill-midja huwa dokumentat sewwa u l-atleti nisa sikwit jiġu sesswalizzati. Ħafna drabi jiġu ppreżentati b'mod li jikkontribwixxi għall-marġinalizzazzjoni tal-kisbiet tan-nisa fl-isport, minħabba l-enfasi li titpoġġa fuq il-femminilità u l-attarazzjoni sesswali minflok fuq is-saħħa u l-ħiliet.

Hemm ukoll differenzi sinifikanti fil-kopertura fil-midja li tingħata lill-isports tan-nisa u tal-irġiel, b'dan tal-aħħar jirċievi ferm aktar attenzjoni <sup>(2)</sup>. In-nuqqas tan-nisa fil-ġurnaliżmu sportiv huwa sfida oħra. Fl-Olimpjadi ta' Londra tal-2012, 15 % biss tal-ġurnalisti u l-fotografi kienu nisa. Id-disparità bejn is-sessi fil-ġurnaliżmu sportiv testendi wkoll fl-organizzazzjonijiet tal-midja, fejn in-nisa jokkupaw anqas minn terz tal-pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri <sup>(3)</sup>.

## X'qiegħed isir dwar dan?

Diversi federazzjonijiet internazzjonali u kontinentali fl-Ewropa, responsabbli għall-promozzjoni u l-iżvilupp tal-isports, diġà wrew impenn għall-ugwaljanza bejn is-sessi billi introduċew **kwoti għas-sessi**.

Fl-2015, disgħa mit-28 konfederazzjoni Ewropej kellhom kwota tas-sessi għall-ogħla korp ta' teħid ta' deċizzjonijiet (il-kumitat eżekuttiv, il-presidju jew il-bord tad-diretturi) u waħda biss naqset milli tilħaq din il-kwota, jiġifieri ma kellha l-ebda mara fl-ogħla pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet. F'erbgħa mid-19-il konfederazzjoni Ewropea li kien fadal mingħajr kwota tas-sessi, in-nisa kienu neqsin mill-ogħla korp ta' teħid ta' deċizzjonijiet.

Barra minn hekk, huma preżenti kummissjonijiet jew kumitati tan-nisa f'ħames organizzazzjonijiet:

- Il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Boksing (EUBC)
- L-Unjoni Ewropea tat-Taekwondo (ETU)
- L-Unjoni Ewropea tal-Ġinnastika (UEG)
- FIBA Ewropa
- L-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol (UEFA)

Fuq **livell nazzjonali**, kienu proposti jew diġà ddaħħlu miri għall-bilanċ bejn is-sessi fl-istrutturi ta' governanza ta' federazzjonijiet sportivi f'ħames Stati Membri (DE, FR, FI, SE, UK (Ingilterra)).

Madankollu, huma meħtieġa aktar miżuri jekk trid tintlaħaq ugwaljanza bejn is-sessi fl-isports u t-teħid tad-deċizzjonijiet.

<sup>(2)</sup> Ibid, p. 33.

<sup>(3)</sup> Data mill-preżentazzjoni minn Anthony Edgar, kap tal-operazzjonijiet tal-midja tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali, "The Olympic Games: Meeting New Global Challenges", Oxford University Club, Oxford, "The Future of Reporting at the Olympic Games", 13–14 ta' Awwissu 2012.

## Kwoti tas-sessi fil-konfederazzjonijiet sportivi Ewropej, 2015

### Kwota tas-sessi għall-ogħla ta' teħid ta' deċizzjonijiet

Mill-anqas mara waħda u raġel wieħed

United World Wrestling Europe (UWW-Europe)  
Il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Fencing (EFC)  
Il-Federazzjoni Ewropea tal-Handball (EHF)  
Il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Isparar (ESC)  
Il-Federazzjoni Ewropea tal-Irfigħ tal-Piżijiet (EWF)  
L-Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet Ewropej tal-Futbol (UEFA)

Mill-anqas 2 nisa u 2 irġiel

Il-Federazzjoni Ewropea tal-Hockey (EHF)  
FIBA Ewropa

Mill-anqas 3 nisa u 3 irġiel

L-Unjoni Ewropea tat-Triathlon (ETU)

### Kwota tas-sessi għall-kunsilli, kumitati u kummissjonijiet

Il-Federazzjoni Ewropea tal-Handball (EHF)  
Il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Isparar (ESC)  
L-Unjoni Ewropea tat-Table Tennis (ETTU)  
L-Unjoni Ewropea tat-Taekwondo (ETU)  
L-Unjoni Ewropea tat-Triathlon (ETU)



## X'jista' jsir aktar?

### Applikazzjoni ta' perspettiva bbażata fuq is-sess tal-persuna

Mod biex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isports huwa li s-sess tal-persuna jiġi integrat fl-oqsma ta' politika rilevanti. L-integrazzjoni tas-sessi tista' tiġi deskritta bħala l-integrazzjoni ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi f'kull stadju tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika jew programm.


Sabiex jappoġġa lill-persunal tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-korpi governattivi fl-integrazzjoni ta' perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħidma tagħhom, inkluż il-qasam tal-isport, l-EIGE żviluppa Pjattaforma online dwar l-Integrazzjoni ta' kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-Sessi, aċċessibbli għall-pubbliku mis-sit web tal-EIGE.

### Miżuri u inizjattivi mmirati

Il-kisba ta' ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żieda fit-teħid ta' deċiżjonijiet min-nisa fl-isports jibbenefikaw minn firxa aktar wiesgħa ta' miżuri mmirati, bħal dibattiti pubbliċi, taħriġ, skemi ta' mentoring u politiki proattivi li jinkoraġġixxu nisa żgħażaġh biex jibqgħu fl-isports. L-effett ta' miżuri leġiżlattivi u volontarji jista' jiġi rinforzat bi sforzi sabiex jiżied l-għarfien pubbliku u jiġu miġġielda r-rwoli preskrittivi tas-sessi. Il-qerda tal-isterjotipi tas-sessi għandha rwol kruċjali sabiex jiġu eliminati l-ostakoli li jillimitaw l-aċċess tan-nisa għall-pożizzjonijiet ta' tmexxija fl-isports.

### Data ta' kwalità oġhla fuq livell tal-UE

Ir-riċerka tal-EIGE identifikat li l-kejl tal-ammont ta' bidla fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-isports huwa mxekkel min-nuqqas ta' indikaturi xierqa fuq livell tal-UE.



*Il-qerda tal-isterjotipi tas-sessi hija kruċjali sabiex tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isports u t-teħid tad-deċiżjonijiet*

Għalkemm diġà teżisti xi data, mhix disponibbli data mqassma skont is-sess li tista' tiġi mqabbla madwar l-Istati Membri kollha. In-nuqqas ta' informazzjoni xierqa jimpedixxi lil dawk li jfasslu l-politika milli jadottaw politiki li jirriflettu l-ħtiġijiet differenti tan-nisa u l-irġiel u jinkoraġġixxu involviment aktar ugwali.

Sabiex jassisti lil dawk li jfasslu l-politika tal-UE fil-ħidma tagħhom, l-EIGE żviluppa Database ta' Statistika dwar is-Sessi <sup>(4)</sup>, disponibbli għall-pubbliku mis-sit web tal-EIGE. Barra minn hekk, iċ-Ċentru tar-Riżorsi u d-Do-kumentazzjoni tal-EIGE jipprovdi bosta tipi differenti ta' publikazzjonijiet dwar l-isport permezz tal-librerija elettronika tiegħu. Ir-riżorsi huma disponibbli bl-Ingliż, il-Ġermaniż, l-Isvediż, l-Olandiż, il-Franċiż, id-Daniż, it-Taljan, il-Grieg, in-Norveġiż u l-Portugiż, u jistgħu jiġu aċċessati mil-link li ġej: <http://eige.europa.eu/rdc>

(<sup>4</sup>) Id-data dwar "In-nisa u l-isports" fid-database tista' tinstab taħt "Strateġiji tal-UE" (Strateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010–2015 — Ir-rwoli tas-sessi fiż-żgħożġja, l-edukazzjoni u l-isports) u taħt "Qasam ta' Politika" — kultura, edukazzjoni u ż-żgħażaġh.

## L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi tal-UE. L-EIGE jappoġġa lil min ifassal il-politika u l-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdi lhom taġħrif esperti speċifiku u *data* komparabbli u affidabbli dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fl-Ewropa.

## Detalji ta' kuntatt

<http://eige.europa.eu>   
[facebook.com/eige.europa.eu](https://www.facebook.com/eige.europa.eu)   
[twitter.com/eurogender](https://twitter.com/eurogender)   
[youtube.com/eurogender](https://www.youtube.com/eurogender)   
[eige.sec@eige.europa.eu](mailto:eige.sec@eige.europa.eu)   
+370 52157444 



L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi  
Gedimino pr. 16  
LT-01103 Vilnius  
LITHUANIA

Print: MH-02-15-937-MT-C 978-92-9218-954-9 10.2839/576270  
PDF: MH-02-15-937-MT-N 978-92-9218-976-1 10.2839/057998